32004D0795

L 349/56 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.11.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/795/PESK

## tat-22 ta' Novembru 2004

## li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal- Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/921/PESK tas-26 ta' Novembru 2002 li testendi l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2003/853/PESK ([2]) li testendi l-mandat tas-Sinjura Maryse DAVIET bħala Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM). Din id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2004.

(2) Fi ............ 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/...../PESK li ttawwal l-Azzjoni Konġunta 2002/921/PESK li testendi l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea(EUMM) ([3]).

(3) Il-mandat tal-Kap ta' Missjoni ta' l-EUMM għandu għalhekk jiġi estiż ukoll,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sinjura Maryse Daviet bħala Kap ta' Missjoni ta' l-EUMM huwa b'dan estiż.

*Artikolu 2*

Din il-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. R. BOT

---

([1]) ĠU L 321, 26.11.2002, p. 51 u korriġendum fil-ĠU L 324, 29.11.2002, p. 76. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2003/852/PESK (ĠU L 322, 9.12.2003, p. 31).

([2]) ĠU L 322, 9.12.2003, p. 32.

([3]) ĠU L